10 ta' Diċembru, 1954.

Imħallef :
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Illmu. u Nobbli Markiż Alfio Testaferrata Bonici Axiak
*versus*
Joseph Bartolo

**Perizja — Periti Addizzjonali — Diskrezzjoni tal-Qorti — Art. 674 u 675 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*In-nomina ta' periti addizzjonali hi fakoltativa, u hija rimessa għad-diskrezzjoni tal-Qorti. U dan ir-rimedju, hekk dispendjuż, għandu jiġi adoperat meta ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ ikunu tali li l-ġudikant ma jkunx jista' jifforma l-ġudizzju tiegħu mill-ewwel perizja, jew meta jkunu meħtieġa konjizzjonijiet tekniċi li għalihom il-ġudikant ikun estraneu.*

Il-Qorti, — Rat in-nota ta' l-attur tal-14 ta' Jannar 1954, li biha talab li jiġu nominati periti addizzjonali in konnessjoni mar-rapport ta' l-I.C.A. Albert Vassallo, maħluf fis-7 ta' l-istess xahar;

*Omissis;*

Ikkunsidrat ;

Illi l-attur ma speċifika ebda motiv li għalih qiegħed jitlob in-nomina ta' periti addizzjonali ;

Illi, skond il-liġi (art. 674 u 675 Proċedura Ċivili), in-nomina ta' dawn il-periti hija fakoltativa u rimessa għad-diskrezzjoni tal-Qorti ; u skond l-interpretazzjoni kostanti ta' dawn il-Qrati, dana r-rimedju, hekk dispendjuż, għandu jiġi adoperat biss meta ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ ikuna tali li l-ġudikant ma jkunx jista' jifforma l-ġudizzju tiegħu mill-ewwel perizja, jew meta jkunu meħtieġa konjizzjonijiet tekniċi li għalihom il-ġudikant ikun estraneu (ara f'dan is-sens Kolloz. XXI—II—277) ;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dawn iċ-ċirkustanzi ma jirrikorrux fil-każ taħt eżami ;

Għalhekk tirrespinġi t-talba ta' l-attur għan-nomina ta' periti addizzjonali ; bl-ispejjeż.